# DIPARTIMENT TAD-DWANA
# RAPPORT ANNWALI 2020

## 1. Introduzzjoni

Matul l-2020, id-Dipartiment tad-Dwana kompla bil-missjoni ewlenija tiegħu li:

- jiffaċilita l-kummerċ ġust billi inaqqas il-piżijiet u l-burokrazija minn fuq l-operaturi ekonomiċi li josservaw il-proċeduri tad-dwana, u jżid miżuri effettivi ta' infurzar kontra operaturi li ma josservawx il-proċeduri;
- jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna billi tkun jevitata l-importazzjoni ta' sustanzi illeċiti u oġġetti oħra projbiti;
- jtejjeb l-metodi tal-ġbir tat-taxxi tad-dwana u tas-sisa u l-prevenzjoni ta' frodi possibli; u
- jipproteġi l-interess ekonomiku ta' Malta, u tal-Unjoni Ewropeja, bil-prevenzjoni tad-dħul illegali f'Malta u fl-Unjoni ta' prodotti kontrafatti.

Iktar minn hekk, matul l-2020, f'kuntest ta' pandemija globali, id-Dipartiment tad-Dwana ħa diversi inizjattivi kemm biex jiżgura l-katina ta' provvista, kif ukoll biex ikun ta' sostenn lill-operatuti ekonomiċi fi żmien daqstant diffiċli.

Konkretament, dan issarraf f':

- ħarsien tal-erarju tal-Gvern;
- aktar qbid ta' droga;
- aktar qbid ta' oġġetti kontrafatti;
- aktar qbid ta' sigaretti tal-kuntrabandu; u
- aktar qbid ta' flus mhux iddikjarati.

B'rabta ma' dan kollu, id-Dipartiment tad-Dwana :

- kompla jwettaq l-eżerċizzju ta' Reviżjoni tal-Operat tad-Dwana b'kollaborazzjoni mal-MEU;
- fi żmien qasir sab metodi alternattivi ta' xogħol biex jimmitiga l-effetti ta' Covid-19, filwaqt li analizza profondament il-proċessi kollha sabiex adotta mekkaniżmi li permezz tagħhom ittrasferixxa 50% tas-servizzi b'mod elettroniku. Ħafna minn dawn il-metodi se jibqgħu b'mod permanenti;
- organizza *Attitude Survey* fost l-impjegati tad-Dwana u *Customer Satisfaction Survey* fost l-operaturi ekonomiċi;
- ippubblika *Training Prospectus*;
- għamel kampanja ta' għarfien dwar il-kunċett ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO), ibbażat fuq is-sħubija bejn id-Dwana u n-negozju, bil-għan li jiġu ffaċilitati l-proċeduri doganali;
- żamm 24 laqgħa tal-*Legal Framework Review Board* fejn ġew diskussi diversi emendi għall-qafas legali tad-Dwana;
- lesta l-bini ta' *Canine Compound* ġdid f'Ħal Far għall-iskwadra tal-klieb;
- lesta l-bini ta' uffiċċji ġodda f'Xatt il-Laboratorju, f'Kordin;
- kompla l-proġett ta' tisbiħ tal-uffiċini f'*Annex A,* fil-Belt;
- beda' xogħol estensiv ta' manutenzjoni fil-kumpless ta' *Groupage Cargo* f'Ħal Far;
- kompla bit-tisħiħ tal-iskwadra ta' kontra l-ħasil ta' flus;
- kompla jirristruttura u jsaħħaħ is-servizz ta' intelliġenza;

- xtara *luggage xray van;*
- kompla bix-xogħol relatat, u l-konsultazzjonijiet meħtieġa, dwar l-effetti ta’ BREXIT; u
- kompla jiġi rilokat aktar xogħol *back office* f’Għawdex biex impjegati Għawdxin tad-Dwana kompla jinstabilhom xogħol f’Għawdex stess;

## 2. Direttorat Amministrazzjoni (*Administration*)

Id-Direttorat tal-Amministrazzjoni jinkorpora fih 11-il uffiċċju: l-*HR Section; Accounts Section; Procurement & Stores; Cash Office; Registry Services; Customs Debt Unit*, *Taric & Quotas Office; Archives & Records, Maintenance Section; Health & Safety* u *Messengers Pool*.

### *2.1 Riżorsi Umani*

Fl-2019, l-ammont ta’ rekluti ġodda kien ta’ **3** filwaqt li irtiraw **17**-il impjegat biex, sal-aħħar tal-2020, l-għadd ta’ impjegati laħħaq **389**, komparat ma 404 fi tmiem l-2019. **25%** tal-impjegati tad-Dwana llum huma nisa, meta fl-2019 il-persentaġġ kien 24%.

**4** ħaddiema bbenefikaw mill-għotja tal-*vacation leave***,** **3** minnhom mill-kollegi fi ħdan id-Dwana u ieħor mill-Fond Ċentrali.

**24** minn **89** impjegat li kienu fuq kwarantina mandatorja minħabba Covid-19 kienu qed jaħdmu mid-dar.

*Grafika Nru. 1 – Capacity Building*




### *2.2 Finanzi - Ġbir ta’ Erarju*

Il-ġbir totali ta’ taxxi f’dan il-perjodu minn attivitajiet doganali kien ta’ **€279,060,954**, tnaqis ta’ €57.2 miljun fuq l-2019. Magħhom wieħed irid iżid l-ammont ta’  **€114,844,121** li huma ammonti miġbura

mid-Dwana bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fuq l-importazzjoni għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi, tnaqqis ta' €29.6 miljun fuq l-2019.

B'hekk, l-ammont ta' erarju iġġenerat mill-ħidma tad-Dwana ammonta għal **€393,905,075,** tnaqqis ta' €86.8 miljun fuq 2019.

### 2.2.1 *Dazju ta' Importazzjoni*

Il-ġbir li sar mid-dazji tal-importazzjoni, magħrufa wkoll bħala Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), għas-sena 2020 kien ta' **€12,396,875**, żieda ta' €5.8 miljun fuq 2019.

### 2.2.2 *Dazju tas-Sisa*

Mis-Sisa, fl-2020, id-Dipartiment ġabar **€260,954,300**, tnaqqis ta' €52.9 miljun fuq 2019.

### 2.2.3 *Dħul ieħor*

Dħul ieħor, minn liċenzji, multi, ħlasijiet amministrattivi, taxxi fuq attività tal-bunkering, renta fuq il-magazzinaġġ, irkantijiet eċċ kien ta' **€5,709,777** għas-sena 2020, żieda ta' €1.52 miljun fuq 2019.

*Grafika Nru. 2 – Revenue collected & Seizures*




## 3. Direttorat għall-Affarijiet Internazzjonali u *Policy* (*International Affairs & Policy*)

Id-Direttorat tal-*International Affairs and Policy* fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana jinkorpora fih l-*International Affairs Unit*, l-*EU Affairs Unit,* l-i*Strategic Trade & Sanctions Monitorong Unit* u l-*Customs Training Unit*.

### *3.1 Ħidma Internazzjonali u Ewropeja*

Fil ħidma tiegħu, id-Direttorat:

- żamm kuntatt dirett mad-Direttorat tal-Affarijiet Ewropej tal-Ministeru ghall Finanzi, dak tal-Ministeru  ghall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, kif ukoll mar-Rappresentanza Permanenti ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja (UE);
- ikkordina kummenti fuq dokumenti u risposti għall-mistoqsijiet li jsiru mill-Kummissjoni Ewropeja (KE) jew il-Kunsill tal-UE;
- ġabar statistika kull tlett xhur li tintbaghat lill-KE;
- amministra l-*Customs 2020 Programme* tal-KE;
- intensifika l-ħidma relatata ma' BREXIT; kif ukoll laqaghat u diskussjonijiet bi preparazzjoni ghal istess BREXIT;
- ħadem b'mod intensiv fuq awditjar li sar mill-Kummissjoni tal-UE eżattament fuq *'Reliability of A & B Accounts & Related Statements'.* Ħafna mix-xoghol ikkonsista f'koordinament ta' twegibiet għall-kwestjonarju qabel ma ssir il-proprja spezzjoni;
- organizza diversi laqgħat mar-rappreżentanti tan-negozju, burdnara u kumpaniji tal-ġarr tal-merkanzija biex ikunu nfurmati bl-izviluppi u xi jkun mistenni minnhom wara BREXIT;
- ħa ħsieb li jaghti l-kontribut tiegħu fil-*Council Working Party on Customs Union*;
- ħa ħsieb ix-xoghol assocjat mal-World Bank, il-World Customs Organisation u organizzazjonijiet internazzjonali;
- ġie adottat il-programm ta' tahrig 'Click' tal-WCO biex jingħata lill-ħaddiema tad-Dwana ta' Malta; u
- lejn l-aħħar tas-sena 2019, id-Dipartiment tad-Dwana rċieva wkoll *EU Pilot* minn *DG TAXUD* dwar il-leġislazzjoni nazzjonali li tipprovdi għal sanzjonijiet meta persuna tonqos li tiddikjara flus kontanti 'l fuq minn €10,000 deħlin jew ħergin mill-Unjoni. It-tweġibiet għal dan il-*Pilot* ingħataw f'April 2020 u kienu kkoordinati mill-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Ministeru għall-Finanzi u Xogħol. Dawn inkludew ukoll reviżjoni tar-reġim tas-sanzjonijiet u anke diversi provvedimenti oħra li joħorgu mir-Regolament (UE) 2018/1672; Avviż Legali 285/2020 jirreferi.

### *3.2 Strategic Trade & Sanctions Monitorong Unit (STSMU)*

Il-ħidma prinċipali tal-i*Strategic Trade and Sanctions Monitoring Unit (STSMU)* tinfirex fuq tlett oqsma prinċipali: li tinforza u tassigura konformita` mar-regoli fil-kummerċ fejn għandhom x'jaqsmu materjali, oġġetti u apparat sensittiv bħal dawk b'użu doppju; tixrid ta' armi għal-qerda tal-massa, prekursuri tagħhom u mezzi ta' twassil għalihom, kif ukoll traffikar illeġittimu ta' armi konvenzjonali. L-STSMU hija nkarigata wkoll fuq il-monitoraġġ u l-infurzar ta' Sanzjonijiet internazzjonali, sew dawk li joħorġu minn riżoluzzjonijiet maqbula fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda (NM) kif ukoll il-Miżuri Restrittivi tal-Unjoni Ewropea (UE).

Fl-2020, l-STSMU skrutinat manifesti ta vjaggi marittimi li jmissu mal-Port Ħieles ta' Malta li kumplessivament ammontaw għal 219,933 kontejner marittimu. Dan iffisser żieda netta ta **144%** fuq l-2019, mingħajr żieda fir-riżorsi umani.

Matul l-2020, l-STSMU kompliet tagħti attenzjoni partikulari lejn kummerċ minn u lejn is-Sirja u il-Libja minhabba l-kunflitti f'dawn ir-reġjuni u r-restrizzjonijiet imposti, kif ukoll il-kummerċ ta' trasbord minn u lejn dawn il-pajjiżi li jinzerta għaddej minn Malta. Il-kummerċ lejn stati oħra suġġetti għal sanzjonijiet jiġi mifli wkoll, iżda peress li mhux ġeografikament qrib, dan ikun ġeneralment inqas fil-volum. Fl-2020, il-kummerċ lejn is-Sirja, wera żieda ta' **50%** meta mqabbel mas-sena preċedenti. Minn naħa l-oħra, Malta hija sors prinċipali għall-merkanzija lejn il-Libja, u għaldaqstant dan jitlob attenzjoni kontinwa minn din is-sezzjoni.

Kompla jsir skrutinju kontinwu għall-kummerċ ta' oġġetti relatati ma' tbaħħir (dgħajjes, muturi tal-baħar, dingies, eċċ...) destinati lejn il-Libya, b'konnessjoni mal-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1325 li jikkonċernaw il-faċilitazzjoni tat-traffikar ta' immigranti. Din il-ħidma tagħt il-frott tagħha matul l-2020, fejn kienu nterċettati **23** dagħjsa ta' qisien differenti. L-STSMU spezzjonat kull wieħed minn dawn il-kontejners bl-għajnuna tal-Forzi Armati ta' Malta. Kull każ ta' dan it-tip kien referut lis-Sanctions Monitoring Board li jitmexxa mill-Ministeru għall-Affarjiet Barranin, fejn id-Dwana hija wkoll rappreżentata. Fuq deċiżjoni tal-board, dawn id-dgħajjes ġew konfiskati taħt l-Ordinanza tad-Dwana fejn jirrigwarda oġġetti projbiti, bis-saħħa tal-Att Dwar Poteri Li Jsiru Regolament fl-interess Nazzjonali (Kap365).

Matul l-2020, l-STSMU irreferiet **25** każ lid-*Directorate for Trade Services & Projects* (DTSP), li wasslu għal ħruġ ta' **11**-il liċenzja għall-esportazzjoni. L-esportazzjoni ta' kunsinna partikolari kienet miċħuda, waqt li erba' każijiet għadhom miżmuma sakemm tinħarġilhom liċenzja jew skont kif ikun deċiż. Kien hemm ukoll **30** każ li kienu rriferuti lis-Sanctions Monitoring Board (SMB), li **23** minnhom kien stabbilit ksur ta' miżuri ristrettivi u għalhekk il-merkanzija kienet sekwestrata.

Is-sezzjoni wettqet **338** skrutinju dettaljat ta' dokumentazzjoni relatati ma' kunsinni għall-esportazzjoni bl-ajru u f'kontejners marittimi, kif ukoll fi trażbord. **147** kontejner kienu mitluba għal scanning waqt li **52** kontejner ġew spezzjonati fiżikament, bir-riżultat li **142** kunsinna kienu miżmuma minħabba deskrizzjoni vaga jew li l-kontenut tagħhom kien possibilment suġġett għall-provedimenti tar-regolamenti tal-kontroll jew sanzjonijiet.

Id-data li ssegwi tikkonċerna il-ħidma tal-STSMU fl-2020, ipparagunata ma' dik fl-2019.

*Grafika Nru. 3 – Ħidma STMSU*

| | Vetted Libya-bound shipping manifests | Total Libya-bound containers | Libya-bound consignments withheld | Vetted Syria-bound shipping manifests | Total Syria-bound containers | Syria-bound consignments withheld | Other risk-based vetting of manifests | Total other containers vetted | Other Maritime consignments withheld | Scanned containers | Physical Container Inspection | Inspections at Airfreight & CEFO | Airfreight / CEFO withhel consignment | Total extensive Documentary verifications |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL 2020 | 132.0 | 33202 | 57.0 | 50.0 | 2772.0 | 6.0 | 444.0 | 183959 | 79.0 | 147.0 | 52.0 | 9.0 | 1.0 | 338.0 |
| TOTAL 2019 | 123.0 | 39927 | 20.0 | 49.0 | 1763.0 | 2.0 | 307.0 | 75930.0 | 36.0 | 72.0 | 30.0 | 7.0 | 2.0 | 219.0 |
| Comparison | 7% | -16% | 185% | 2% | 57% | 200% | 44% | 144% | 119% | 104 % | 73% | 28% | -50% | 54% |

## 3.3 Customs Training Unit

Matul l-2020, il-Customs Training Unit organizza **77** kors u li koprew **20** suġġett differenti fosthom diversi prattiċi operattivi u proċeduri doganali. **59** kors minnhom kienu mnedijin *in-house* u mmirati għall-ħaddiema tad-Dipartiment filwaqt **18** kienu jiffokaw fuq il-*Customs Electronic Systems (CES)* u

offruti lis-settur privat. **83%** tal-partecipanti kienu ħaddiema tad-Dipartiment. Il-bqija, **17%),** kienu klijenti tad-Dipartiment, mis-settur privat.

Il-pandemija COVID 19 ħalliet impatt fuq ix-xoghol tat-*Training Unit*. Il-korsijiet kellhom jitwaqqfu u matul ix-xhur ta' April, Mejju u Gunju ma ngħatawx korsijiet. B'riżultat ta' dan, il-Unit ħadmet biex ċertu korsijiet jibdew jingħataw *online* u anke *hybrid* bi preżenza limitata fil-klassijiet u parteċipanti oħrajn *online.*

It-tabella li ssegwi turi l-korsijiet li ngħataw matul l-2020:

*Grafika Nru. 4 - Korsijiet provduti fl-2019*




Lejn l-aħħar tas-sena, it-*Training Prospectus* li kien imniedi għas-sena 2020 kien rivedut bi preparazzjoni ghas-sena 2021.

### 3.4 EU Affairs Unit

Matul l-ewwel kwart tas-sena 2020, id-Dipartiment tad-Dwana kien rappreżentat f'**53** laqgħa organizzati mill-Kummissjoni Ewropeja, fejn ħadu sehem **64** parteċipant. Minħabba l-pandemija tal-COVID 19, ħafna laqgħat kienu kkanċellati u għalhekk **94** minnhom kienu organizzati onlajn. F'dawn tal-aħħar ipparteċipaw **131** uffiċjal.

Dettalji finanzjarji tal-programm National and Customs 2020', inżammew aġġornati fid-diversi sistemi. Din is-sezzjoni kienet ukoll fi-proċess ta' arrangamenti logistiċi għall 'Customs 2020 Programme'u laqgħat oħrajn li kienu ppjanati li jkunu organizzati f'Malta.

Din is-sezzjoni kienet ukoll involuta fil-preparazzjoni ta' CFMS (*Corporate Financial Management Solution*). Is-sitt membri kollha tas-sezzjoni ħadu sehem f'taħriġ u ttestjar tas-sistema u li għadu

għaddej. Hemm ippjanat li din is-sistema li ser tieħu post is-sistema DAS (*Departmental Accounting System*), tibda titħaddem f'April 2021.

L-*EU Affairs* amministrat ukoll żewg *Grant Agreements for Customs 2020 Programme*. Wieħed minn dawn kien konkluż u l-ieħor għad irid ikun iffirmat. Dawn l-arranġamenti jwasslu biex ikunu pprovduti aktar fondi għad-Dwana ta' Malta taħt il-*Customs 2020 Programme.*

## 4. Direttorat għas-Sisa (*Excise*)

Dan id-Direttorat, li huwa l-aktar direttorat li jiġġenera erarju għall-Gvern, jaqgħu taħt id-direzzjoni tiegħu 8 uffiċċji: *Tobacco Products Unit, Alcohol Beverages Unit, Energy Products Unit, Non-Harmonised Goods Unit, Central Excise Liaison Office, Excise Rebates' Processing Office, Customs Warehousing Unit* u *Auctions' Section.*

### *4.1 Prodotti ta' Enerġija*

L-*Energy Products Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' kwalunkwe tip ta' *fuel,* gass u żjut lubrikanti, sew dawk intenzjonati għall-uzu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa, VAT u *bunker tax*. L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2020 kien ta' **€119,367,130.**

B'effett mill-ewwel ta' Settembru, ġew introdotti l-bollol tas-Sisa fuq ż-Żjut Lubrikanti. Irreġistraw **75** kumpanija u fil-perjodu ta' bejn Settembru u Diċembru inxtraw l-ammont ta' **275,000** bolla.

### *4.2 Prodotti tat-Tabakk*

It-*Tobacco Products Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' kwalunkwe tip ta' tabakk, sew dak intenzjonat għall-uzu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa u VAT. L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2020 kien ta' **€89,792,293**, kif ġej**:**

*Grafika Nru. 5 – prodotti tat-Tabakk*

| | **2020** | **2019** | **Differenza** |
|---|---|---|---|
| Sigaretti | € 82,430,085 | € 111,201,468 | (€28,771,383) |
| Tabakk tal-Brim | € 6,828,729 | € 6,745,707 | €83,022 |
| Tabakk tal-Pipa | € 84,310 | € 77,843 | €6,467 |
| Sigarri | € 449,169 | € 680,263 | (€231,094) |
| **Total Globali** | **€ 89,792,293** | **€ 118,705,281** | **(€28,912,988)** |

### *4.3 Prodotti tal-Alkoħol*

L-*Alcohol Beverages Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' prodotti tal-alkoħol, sew dawk intenzjonat għall-użu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa u VAT.

L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2020 kien ta' **€14,296,480.**

*Grafika Nru. 5 – Prodotti tal-Alkoħol*




### 4.4 Prodotti Non-Armonizzati

In-*Non-Harmonised Goods Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' prodotti mhux arminizzati, bħal siment, komponenti tal-kostruzzjoni, madum, ħġieġ, xarbiet non-alkoħoliċi, ilma bbottiljat, boroz tal-plastik, *tyres*, *chewing gum*, *toiletries* u servizz ta' telefonija ċellulari, u tiġbor id-dazju tas-sisa fuqhom.

L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2020 kien ta' **€30,345,740.**

### 4.5 Rifużjoni tas-Sisa

L-*Excise Rebates' Processing Office* jieħu ħsieb li jipproċessa talbiet ta' parti, jew rifużjoni totali, tad-Dazju tas-Sisa li tkun tħallset fuq karburanti kkunsmati minn inġenji tal-baħar, kif ukoll minn vetturi ta' Missjonijiet Diplomatiċi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali stabbiliti Malta.

Matul l-2020, Missjonijiet Diplomatiċi kif ukoll Organizzazzjonijiet Internazzjonali f'Malta ġew rifużi l-ammont ta' **€44,738** f'Dazju tas-Sisa lura fuq kurburanti li xtraw għall-użu tagħhom.

It-total ta' litri netti li fuqhom ħarġet rifużjoni mill-Operaturi Ekonomici jammonta għal **24,052,401** litri. Fuq dan l-ammont it-total ta' taxxa li ġiet rifuża kien jammonta għal **€8,361,720.**

Matul l-istess perjodu, id-Direttorat ipproċessa **115**-il talba ta' rifużjoni li saru minn Operaturi Ekonomiċi fuq *diesel* jew *gas oil* li ntuża fuq l-inġenji tal-baħar f'attivitajiet kummerċjali kif deskritt fir-Raba' Skeda ta' l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa Kap 382. Ġew ipproċessati wkoll **359** talba ta' rifużjoni fuq *Heating Gas Oil*. Dawn it-talbiet saru kemm minn Operaturi Ekonomiċi, bħal lukandi u fabbriki, kif ukoll minn azjendi oħra. Saru wkoll talbiet minn djar privati.

It-total ta' litri netti li fuqhom ħarġet rifużjoni lill-Operaturi Ekonomiċi u djar privati jammonta għal **10,170,356** litri. Fuq dan l-ammont it-total ta' taxxa li ġiet rifuża kien jammonta għal **€2,444,763.**

## 5. Direttorat għall-Osservanza u Sistemi (*Compliance & Systems*)

Dan id-direttorat huwa mqassam fuq tlett sezzjonijiet:

i. Proċessi;
ii. Ħatt u Rilaxx ta' merkanzija; u
iii. sistemi tal-Komputer u l-Informazzjoni Teknoloġika.

It-Taqsima Proċessi tħaddan fiha tmien Sezzjonijiet, li huma:  Servizz lill-Klijenti, Proċeduri Speċjali, Valutazzjoni, Informazzjoni fuq it-Tariffa u l-Analista u Verifikazzjoni.  Matul din is-sena twaqqfu ukoll is-Sezzjoni għall-Moniteraġġ tal-Manifest, Sezzjoni ddedikata sabiex tissorvelja l-Esportazzjonijiet kif ukoll Sezzjoni għall-Iffaċilitar tal-Kummerċ.

It-Taqsima tal-Ħatt u Rilaxx tikkonsisti f'sitt Sezzjonijiet oħra li huma:  *Courier Express Freight*, *Airfreight*, *Containers and Groupage* fil-Kumpless ta' Ħal Far, il-Posta, Xatt il-Laboratorju u l-grada tal-Port Ħieles.

It-Taqsima tas-Sistemi tal-Komputer u l-Informazzjoni Teknoloġija huma responsabbli mis-sistemi kkompjuterizzati li jagħmlu użu minnhom kemm id-Dipartiment kif  ukoll l-Operaturi Ekonomiċi.

### *5.1 Il-Programm ta' AEO*

Matul din is-sena saret kampanja ta' għarfien dwar il-kunċett ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO), ibbażat fuq is-sħubija bejn id-Dwana u n-Negozju, bil-għan li jiġu ffaċilitati l-proċeduri doganali.

Il-kumpanija Eurobridge Shipping Services Ltd laħqet dawn il-kriterji wara proċess rigoruż, hekk in-numru ta' operaturi b'dan iċ-ċertifikat rikonoxxut fl-Ewropa u internazzjonalment tela' għal **17** filwaqt **3** applikazzjonijiet oħra qegħdin jiġu pproċessati.

### *5.2 Relazzjoni mal-oqsma tal-kummerċ*

Minn żmien għal ieħor, dan id-Direttorat, ikun jinħtieġ li jorganizza jew jaċċetta laqgħat ma' diversi Dipartimenti, Awtoritajiet, mas-Settur Kummerċjali u l-Għaqdiet li jirrappreżentawhom.  Laqgħat li din is-sena saru b'mod virtwali imma li ma naqsux mill-effett pożittiv.

Bl-istess mod, ġew aġġornati diversi Memoranda ta' Ftehim  u ffirmati oħrajn ġodda.

### *5.3 L-aspett operattiv*

Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' dan id-Direttorat huwa l-ġbir tat-taxxa fuq l-importazzjoni bħal ma hu d-dazju, il-VAT u tariffi oħrajn.  Responsabbli wkoll mill-ħlas ta' diversi liċenzji operattivi u multi.  Sar sforz kollettiv sabiex jiġi assigurat li dak kollu dovut jinġabar fil-ħin.

Id-Direttorat jaħdem fil-qrib ma' direttorati oħra fi ħdan id-Dipartiment kif ukoll jikkoordina ma' Dipartimenti u awtoritajiet oħra xogħol ta' verifika konness ma' ġbir ta' taxxi, liema verifiki jsiru wara li l-importazzjoni tkun diġa' saret, sa mhux iktar minn tlett snin b'lura.

Dan id-Direttorat iffaċċja l-isfida li ġabet magħha l-pandemija Covid-19 u fi żmien qasir kellu jsib alternattivi għal dawn iċ-ċirkustanzi ġodda.  Ġew analizzati l-proċessi kollha u adattajna b'mod li iktar minn ħamsin fil-mija (50%) tas-servizzi bdew jingħata b'mod elettroniku.  Naturalment, ma stajna nipprovdu l-ebda alternattiva għall-kontrolli fiżiċi mal-fruntiera.

### *5.4 Brexit*

L-inċertezza dwar Brexit ukoll kienet, ghadha, u se tibqa' għal ftit żmien ieħor, sfida kontinwa.

Dan id-Direttorat ħa ħsieb iħejji ruħu għal kull xenarju, ġew ivvalutati r-riskji u sar pjan ta' rispons għal mitigazzjoni tagħhom.  Minkejja li l-prodotti kollha impurtati mir-Renju Unit issa kienu se jkunu suġġetti għal kontrolli dogonali, ġie żgurat kummerċ bl-inqas skossi possibbli.

### *5.6 Statistika*

**116,032** ta' dikjarazzjonijiet ldaħlu fis-sistema tal-importazzjoni filwaqt li **20,730** ġew irreġistrati fis-sistema tal-esportazzjoni. **23,272** dikjarazzjonijiet fis-sitema tal-importazzjoni ġew issottometti għal merkanzija li ġejja minn pajjiżi stati membri li kienu suġġetti għat-taxxa tas-sisa.

Il-grafika t'hawn taħt turi d-dikjarazzjonijiet, f'punti perċentwali, li ġew magħżula għall-ispezzjoni (aħmar), ġew irrilaxxati b'mod immeddjat (aħdar) jew ġew magħżula għall-iskrutinju tad-dokumenti sakemm ġie deċiż jekk din il-konsenja kienx jinħtieġ il-preżenza fiżika tad-Dwana waqt ir-rilaxx.



Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi



Esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi



Konsenji minn membri stati suġġetti għat-taxxa tas-sisa

## 6. Direttorat tal-Infurzar (*Enforcement*)

Id-Direttorat tal-Infurzar għandu funzjoni li titwessa' minn fuq il-fruntiera għal ġewwa s-suq intern. Il-funzjonijiet prinċipali tat-taqsima tal-kontroll fuq il-fruntiera jinkludu spedizzjonijiet 'l ġewwa u 'l barra ta' bastimenti, jottijiet, ajruplani u passiġġieri, kif ukoll kontroll fuq ġarr ta' provvisti lejn bastimenti barra l-portijiet. Tinżamm sorveljanza fuq l-art u l-baħar f'żoni li jaqgħu taħt id-Dwana. Fl-ajruport, minbarra kontrolli fuq oġġetti mal-wasla ta' passiġġieri, isiru spezzjonijiet fuq il-ħatt u tagħbija ta' merkanzija.

Dan id-Direttorat huwa magħmul minn 11-il uffiċċju, li huma: is-*Seaport Office; Malta International Airport; Customs Intelligence Services; Risk Management Unit; Container Monitoring Unit; Scanning Unit; Customs Audit Section; Enforcement Unit; Anti Money Laundering Team; Intellectual Property Rights Unit* u *Legal Office.*

### *6.1 Kontroll tal-Fruntiera*

Il-funzjonijiet prinċipali tat-Taqsima tal-Kontroll fuq il-Fruntiera jinkludu spedizzjonijiet 'il ġewwa u 'il barra ta' bastimenti, jottijiet, ajruplani u passiġġieri, kif ukoll kontroll fuq ġarr ta' provvisti lejn bastimenti barra l-portijiet.

Tinżamm sorveljanza fuq l-art u l-baħar f'żoni li jaqgħu taħt id-Dwana. Fl-ajruport, minbarra kontrolli fuq oġġetti mal-wasla ta' passiġġieri, isiru spezzjonijiet fuq il-ħatt u tagħbija ta' merkanzija.

### *6.2 Sezzjoni Intelliġenza*

Matul is-sena 2020, is-Sezzjoni tal-Intelliġenza bdiet topera għal ħinijiet itwal u fuq perjodu ta' sebat ijiem fil- ġimgħa. Din is-sezzjoni, ġabret informazzjoni minn diversi sorsi, għamlet analiżi ta' manifesti ta' passiġġieri tal-ajru u tal-baħar, u merkanzija bil-għan li tipprevjeni evażjoni ta' taxxa u sabiex tikkumbatti l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija illeċita` jew ristretta. Matul dan il-perjodu, is-sezzjoni bdiet tikkoordina l-pjan ta' ħidma ta' diversi sezzjonijiet fid-Direttorat tal-Infurzar bil-għan li jkun hemm użu aktar effiċċjenti u effettiv tar-riżorsi. B'rizultat ta' dan il- koordinament, saru diversi operazzjonijiet li taw riżultati pożittivi.

***6.3 Taqsima li tanalizza riskji***

Matul is-sena 2020, din it taqsima (fi ħdan din is -sezzjoni Intelliġenza), ħolqot **723** profil ġdid relatati ma' importazzjoni, filwaqt li ġew di-attivati **397**. A bażi ta' dawn il-profili is-sistema għażlet **25,875** dikjarazzjoni sabiex jiġu kkontrollati. Minn dawn **20,810** ġew eżaminati b'mod fiżiku u **5,065** ġew rilaxxati wara li sar kontroll tad-dokumenti. Ġew ikkrejati ukoll **6** profili ġodda fis-sistema tal-esportazzjoni u **2** ġew di-attivati. Minn total ta' **20,843** dikjarazzjoni sottomessi għall-esportazzjoni, **3,053** intgħażlu għall-kontroll.

***6.4 Sezzjoni tal-Infurzar***

Din is-sezzjoni għandha firxa wiesgħa ta' funzjonijiet li jinkludu spezzjonijiet fis-suq u investigazzjonijiet. Fl-ajruport, il-membri ta' din is-sezzjoni jwettqu tfitxijiet ta' merkanzija u bagalji, u anke fuq il-persuna, bi skop li jxejnu id-dħul ta' oġġetti pprojbiti u jaraw li jiġi dikjarat kull materjal ristrett. Bosta minn dawn it-tfittxijiet isiru bl-użu ta' X-Ray skenners.

Dmirijiet oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' ta' din is-sezzjoni jinkludu spezzjonijiet f'postijiet kummerċjali fit-teritorju Malti għal prodotti ta' tabakk, alkoħol u prodotti ta' żjut, kif ukoll prodotti oħra li mhumiex armonizzati izda huma suġġetti għal ħlas tas-sisa. Din is-sezzjoni tassisti wkoll entitajiet u dipartimenti oħra fi spezzjonijiet ta' merkanzija li tasal Malta, ġeneralment bil-baħar

***6.5 Skwadra Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLT)***

Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ir-riżultati ta' din it-taqsima kienu xi ftit inqas mis-sena ta qabel. Minkejja dan, xorta waħda kien hemm **394** dikjarazzjoni ta' flus li flimkien jammontaw għal **€16,975,491.** Erbgħin persuna oħra naqsu li jagħmlu dikjarazzjoni skont il-liġi SL299.7 - dawn il-flus jammontaw għal **€655,772.** Kawża ta'dan, **€59,149** ġew konfiskati filwaqt li **€68,206** inġabru bħala multi. Fil-maġġor parti tal-każi, il-membri tal-AMLT ikunu akkumpanjati mill-iskwadra tal-klieb tad-dwana.

***6.6 Sezzjoni ta' Moniteraġġ ta' Kontejners u Skenjar***

Fl-2020 daħlu fil-Port Ħieles ta' Malta **1,401** bastiment li bejniethom ħattew **1,216,566** kontejner mimlijin. Din is-sezzjoni għamlet analiżi ta' dawn il-kontejners u għażlet **9,750** minnhom sabiex jiġu skenjati. **1,818** minn dawn l-istess kontejners ġew eżaminati b'mod fiżiku u **52** minnhom taw riżultati pożittivi u ġew konfiskati. Fost dawn insibu kontejners mimlijin b'sigaretti u tabakk, murtali, xorb alkoħoliku, tajers tal-karozzi, Dinari Libjani, kokajina, diversi materjal kontrafatt u uħrajn.

***6.7 Sezzjoni Awditjar***

L-għan ewlieni ta' din is-sezzjoni huwa li tivverifika l-korrettezza ta' dikjarazzjonijiet tad-Dwana magħmula mill-impurtaturi jew agenti mqabbda minnhom. Isiru *desk based audits* kif ukoll *system based audits* lil accounts tal-kumpaniji sabiex nikkonfermaw li l-informazzjoni li nghatat lid-dwana hija korretta. Għal dan il-għan, matul din is-sena ingħata taħriġ f'dan il-qasam lill-impjegat tagħna minn kumpanija privata tal-awditjar u għandhom isiru arranġamenti biex il-ħaddiema jingħataw taħtiġ aktar profond.

***6.8 Uffiċċju Legali***

Din is-sezzjoni kkumpilat **15**-il ittra biex jittieħdu proċeduri kriminali u **241** nota ta' qbid, kollha ffirmati mid-Direttur Generali (Dwana). L-ittri biex jinbdew proċeduri kriminali ġew mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-azzjoni neċessarja, filwaqt li n-noti ta' qbid ġew mibgħuta bil-posta lill-persuni kkonċernati. Rigward rappreżentazzjonijiet fil-Qorti, din is-sezzjoni kellha x'taqsam ma' **60** kawza Ċivili li **12** minnhom kienu ġodda u kien hemm **132** seduti fil-Qorti Ċivili. Kien hemm ukoll **10** kawża kriminali li **3** minnhom kienu ġodda. Saru total ta' **452** seduti fil-Qorti Kriminali.

## 7 Konklużjoni

L-2020 kienet sena oħra straordinarja minħabba l-pandemija li, ftit jew ħafna, ħarbtet kemm l-andament tal-kummerċ, kif ukoll il-moviment tan-nies minn pajjiż għal ieħor. Naturalment, dan kollu ħalla impatt dirett fuq l-operat immedjat tad-Dwana. Madankollu, Id-Dipartiment tad-Dwana uża tajjeb dan il-perjodu biex iħejji aktar ruħu ħalli appena s-sitwazzjoni tiġi lura għal dak li kienet qabel, ikun ippreparat għal aktar suċċessi.

Joseph Chetcuti
Direttur Ġenerali (Dwana)